

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni awtorizzata biex toħroġ iċ-ċertifikati tal-oriġini fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 891/2009

(2011/C 56/03)

Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009, ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 254 tas-26 ta' Settembru 2009, infetħet kwota tariffarja għall-importazzjoni taz-zokkor li joriġina mill-Awstralja.

L-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 jistipula li r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti importati taħt din il-kwota għandu jkun suġġett għat-tressiq ta' ċertifikat tal-oriġini.

L-awtorità li ġejja hija awtorizzata toħroġ iċ-ċertifikati tal-oriġini fil-kuntest ta' dan ir-Regolament.

Chamber of Commerce Et.
Industry Queensland
Industry House
375 Wicham Terrace
Brisbane Q 4000
AUSTRALIA

Tel. +07 3842 2244
Fax +07 3832 3195
Posta elettronika: info@cciq.com.au
